31975R1365

L 139/1 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* 30.5.1975

IR-REGOLAMENT TAL-KUNSILL (KEE) Nru 1365/75
tas-26 ta' Mejju 1975
dwar il-ħolqien ta' Fondazzjoni Ewropea għal titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol

Il-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u partikolarment l-Artikolu 43 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew [1],

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali [2],

Billi l-problemi li jinħolqu bit-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol moderna huma dejjem aktar numeruż u kumplessi; billi importanti li azzjoni Komunitarja xierqa tkun mibnija fuq bażi xjentifika inter-dixxiplinari u fl-istess ħin l-impjegati u l-ħaddiema għandhom ikunu assoċjati fl-azzjoni li tittieħed;

Billi l-Komunità għadha m'hijiex f'posizzjoni li tidħol għal analiżi, studju u riċerka sistematikament u xjentifikament;

Billi l-programm ta' l-azzjoni tal-Komunitajiet Ewropej dwar l-ambjent [3] jistabbilixxi illi l-istituzzjonijiet tal-Komunità għandhom iwaqqfu korp li jkun kapaċi jifli dawk l-elementi li, permezz ta' l-effetti kombinati tagħhom, jaffettwaw il-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, u li jagħmlu studju fit-tul ta' dawk il-fatturi li jistgħu ipoġġu fil-periklu il-kondizzjonijiet ta' l-eżistenza u dawk li jistgħu itejbuhom;

Billi ir-riżoluzzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 1974 [4] li tirrigwarda programm ta' azzjoni soċjali, tistabbilixxi *inter alia* programm ta' azzjoni għall-ħaddiema, bil-għan li jagħmlu umani il-kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja;

Billi it-twaqqif ta' Fondazzjoni huwa neċessarju biex l-għanijiet tal-Komunità għat-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja jintlaħqu;

Billi fit-Trattat m'hemmx provvediment għall-poteri meħtieġa għat-twaqqif ta' Fondazzjoni ta' dan it-tip;

Billi l-Fondazzjoni ser tkun stabbilita fil-qafas tal-Komunitajiet Ewropej u ser taħdem taħt il-liġi tal-Komunità; billi l-kondizzjonijiet li taħthom japplikaw ċertu dispożizzjonijiet għandhom ikunu definiti,

ADOTTA DAN IR-REGOLAMENT:

L-Artikolu 1

Fondazzjoni Ewropea għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol, minn hawn 'il quddiem imsejħa "il-Fondazzjoni" qed tiġi hawnhekk imwaqqfa.

L-Artikolu 2

1. L-għan tal-Fondazzjoni għandu jkun li tikkontribwixxi għall-ippjanar u t-twaqqif ta' ħajja u kondizzjonijiet ta' xogħol aħjar permezz ta' azzjoni maħsuba biex iżżid u ixxerred għarfien li x'aktarx jassisti dan l-iżvilupp.

2. Permezz ta' dan il-għan, il-ħidma tal-Fondazzjoni tkun li tiżviluppa u timxi fuq ideat għat-titjib tal-kondizzjonijiet tal-ħajja u tax-xogħol fuq medda ta' żmien medja u twila fid-dawl ta' esperjenza prattika biex tidentifika fatturi li jwasslu għall-bidla. Il-Fondazzjoni għandha tqis il-politika tal-Komunità fit-twettiq tal-ħidma tagħha. Hija għandha tagħti parir lill-istituzzjonijiet tal-Komunità fuq għanijiet u linji gwida billi tinoltra partikolarment informazzjoni xjentifika u data teknika.

---

(1) ĠU C 76, tat-3.7.1974, p. 33
(2) ĠU C 109, tad-19.9.1974, p. 37.
(3) ĠU C 112, ta' l-20.12.1973, p. 3.
(4) ĠU C 13, tat-12.2.1974, p. 1.

3. F'dak li jirrigwarda t-titjib tal-kondizzjonijiet tax-xogħol u tal-ħajja, hija għandha tindirizza aktar speċifikament dawn il-kwistjonijiet, filwaqt li tiddetermina l-prijoritajiet li għandhom jiġu osservati:

— il-bniedem meta jkun fuq ix-xogħol,

— l-organizzazzjoni tax-xogħol u partikolarment id-disinn ta' l-impjieg,

— problemi li jirrigwardaw ċertu kategoriji ta' ħaddiema,

— aspetti fit-tul dwar it-titjib ta' l-ambjent,

— tqassim ta' attivitajiet umani fl-ispazju u fiż-żmien.

L-Artikolu 3

1. Biex tikseb l-għan tagħha, il-Fondazzjoni għandha ssaħħaħ l-iskambju ta' informazzjoni u esperjenza f'dawn l-oqsma u għandha tistabbilixxi, fejn ikun xieraq, sistema ta' informazzjoni u dokumentazzjoni. Tista', per eżempju:

(a) tiffaċilita l-kuntatt bejn l-universitajiet, l-istituzzjonijiet ta' studju u riċerka, organizzazzjonijiet u amministrazzjonijiet soċjali u ekonomiċi u li tinkoraġġixxi azzjoni tagħhom ilkoll flimkien;

(b) twaqqaf gruppi ta' ħidma;

(ċ) tikkonkludi kuntratti ta' studju, tipparteċipa fi studji, tippromwovi u tipprovdi assistenza għall-proġetti piloti, u fejn meħtieġ, tagħmel ċerti studji hi;

(d) torganizza korsijiet, konferenzi u seminarji.

2. Il-Fondazzjoni għandha tikkopera mill-qrib kemm jista' jkun ma' istituzzjonijiet speċjalizzati, Fondazzjonijiet u korpi ta' l-Istati Membri jew fuq livell internazzjonali.

L-Artikolu 4

1. Il-Fondazzjoni għandha tkun għal għanijiet mhux ta' profitt. Hija għandha tgawdi fl-Istati Membri kollha l-aktar personalità legali estensiva li tingħata lill-persuni legali.

2. Is-sede tal-Fondazzjoni għandu jkun l-Irlanda.

L-Artikolu 5

Il-Fondazzjoni għandha tkun magħmula minn:

— Bord Amministrattiv,

— Direttur u Deputat Direttur,

— Kumitat ta' Esperti.

L-Artikolu 6

1. Il-Bord Amministrativ għandu jkun magħmul minn 30 membru, li minnhom:

(a) disa' membri jirrappreżentaw lill-Gvernijiet ta' l-Istati Membri,

(b) disa' membri jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet ta' min iħaddem,

(ċ) disa' membri jirrappreżentaw l-organizzazzjonijiet tal-ħaddiema,

(d) tliet membri li jirrappreżentaw il-Kummissjoni.

2. Il-Membri imsemmija f'(a), (b) u (ċ) għandhom jiġu maħturin mill-Kunsill fuq il-bażi ta' membru wieħed għal kull Stat Membru u għal kull kategorija msemmija hawn fuq. Il-Kunsill fl-istess ħin għandu jaħtar taħt l-istess kondizzjonijiet bniedem li jattendi għal-laqgħat tal-Bord Amministrattiv fl-assenza biss tal-membru. Il-Kummissjoni għandha taħtar membru u alterni biex jirrappreżentawha.

3. It-tul ta' żmien li membru jista' jservi fuq il-Bord Amministrativ għandu jkun ta' tliet snin. Dan iż-żmien jista' jiġi mġedded. Meta jagħlaq dan iż-żmien jew fil-każ illi jirriżenjaw, il-membri għandhom jibqgħu fil-kariga tagħhom sakemm il-kariga tiġi mġedda jew sakemm jiġu maħtura membri oħra flokhom.

4. Il-Bord Amministrattiv għandu jeleġġi l-president u tliet deputati presidenti tiegħu minn fost il-membri tiegħu biex iservu għal perjodu ta' sena.

5. Il-President għandu jsejjaħ il-Bord Amministrattiv għall-inqas darbtejn fis-sena u fuq it-talba ta' mill-anqas terz tal-membri tiegħu.

6. Deċiżjonijiet mill-Bord Amministrattiv għandhom jittieħdu b'maġġoranza assoluta tal-membri tagħha.

L-Artikolu 7

1. Il-Bord Amministrattiv għandu jmexxi l-Fondazzjoni li għaliha għandu jistabbilixxi l-linji gwida wara li jikkonsulta l-Kumitat ta' l-Esperti. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta programm ta' ħidma, wara ftehim mal-Kummissjoni fuq il-bażi ta' abbozz mogħti mid-direttur.

2. Il-Bord għandu jadotta ir-regoli ta' proċeduri li għandhom jidħlu fis-seħħ wara li jiġu approvati mill-Kunsill, wara konsultazzjoni mal-Kummissjoni.

3. Huwa għandu jiddeċiedi jekk jaċċettax jew le kwalunkwe legat, donazzjoni jew sussidju minn sorsi li m'humiex il-Komunità.

L-Artikolu 8

1. Id-direttur u d-deputat direttur tal-Fondazzjoni għandhom jiġu maħtura mill-Kummissjoni minn lista ta' kandidati mogħtijin mill-Bord Amministrattiv.

2. Id-direttur u d-deputat direttur għandhom ikunu magħżula fuq il-bażi tal-kompetenza tagħhom u fuq il-bażi li jkunu indubbjament indipendenti.

3. Id-direttur u d-deputat direttur għandhom ikunu maħtura fuq perjodu massimu ta' ħames snin. Il-perjodu tal-kariga tagħhom għandu jkun jista' jiġġedded.

L-Artikolu 9

1. Id-Direttur għandu jmexxi l-Fondazzjoni u jimplimenta d-deċiżjonijiet tal-Bord Amministrattiv. Hu għandu jkun ir-rappreżentant legali tal-Fondazzjoni.

2. Taħt id-dispożizzjonijiet li jirrigwardaw il-persunal, id-direttur għandu jkollu awtorità fuq il-persunal tal-Fondazzjoni. Hu għandu jkun responsabbli għar-reklutaġġ u t-tkeċċija tagħhom u biex jistipula l-kwalifiki meħtieġa minnhom.

3. Id-Direttur għandu jipprepara l-attivitajiet tal-Bord Amministrattiv. Id-direttur, jew id-deputat direttur, jew it-tnejn għandhom jattendu l-laqgħat tal-Bord.

4. Id-direttur għandu jkun iwieġeb għall-Bord Amministrattiv fit-tmexxija tal-Fondazzjoni.

L-Artikolu 10

1. Il-Kumitat ta' Esperti għandu jkun jikkonsisti fi 12-il membru maħtur mill-Kunsill fuq proposta mill-Kummissjoni u jintgħażel minn oqsma xjentifiċi u minn oqsma oħra li għandhom x'jaqsmu ma' l-attivitajiet tal-Fondazzjoni.

2. Il-Kummissjoni għandha tqis meta tfassal il-proposta tagħha:

— il-bżonn li jinżamm bilanċ bejn l-aspetti komplimentari tal-Fondazzjoni — i.e. il-kondizzjoni tal-ħajja u tax-xogħol;

— il-ħtieġa ta' l-aħjar parir xjentifiku u tekniku possibbli;

— il-ħtieġa li jkun maħtur mill-inqas ċittadin wieħed minn kull Stat Membru.

3. It-tul ta' żmien li membru jista' jservi fuq il-Kumitat ta' l-Esperti għandu jkun ta' tliet snin u jkun jista' jiġi mġedded.

L-Artikolu 11

1. Ix-xogħol tal-Kumitat ta' l-Esperti għandu jkun li joħroġ opinjonijiet lill-organi l-oħra tal-Fondazzjoni fl-oqsma kollha li jaqgħu fil-kompetenza ta' l-aħħar, jew fuq talba tad-direttur jew fuq l-inizjattiva tagħha. L-opinjonijiet kollha tiegħu, li jinkludu wkoll it-tfassil ta' programm ta' ħidma (imsemmi fl-Artikolu 12), għandu jkun komunikat simultanjament lid-direttur u l-Bord Amministrattiv.

2. Il-Kumitat għandu jagħżel President minn fost il-Membri tiegħu u jfassal ir-regoli tiegħu ta' proċedura.

3. Il-Kumitat għandu jkun imsejjaħ mill-President tiegħu, bi qbil mad-direttur. Il-laqgħat għandhom isiru mill-inqas darbtejn fis-sena u fuq talba ta' għall-inqas sebgħa mill-membri tiegħu.

L-Artikolu 12

1. Id-direttur għandu jfassal programm annwali ta' ħidma qabel l-1 ta' Lulju ta' kull sena fuq il-bażi ta' linji gwida imsemmijin fl-Artikolu 7. Il-programm annwali għandu jkun parti minn programm kontinwu ta' erba' snin. Il-proġetti tal-programm annwali għandhom ikunu akkumpanjati bi stima tan-nefqa meħtieġa.

Meta jitfassal il-programm, id-direttur għandu jqis l-opinjonijiet tal-Kumitat ta' l-Esperti, kif ukoll dawk ta' l-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

Għal dan il-għan, u bil-għan illi jevitaw l-irduppjar tax-xogħol, l-istituzzjonijiet tal-Komunità u l-Kumitat Ekonomiku u Soċjali għandhom jinformaw lill-Fondazzjoni dwar il-ħtiġijiet tagħhom u sakemm ikun possibbli dwar kull xogħol relevanti u studji li jkunu qed jagħmlu huma stess.

2. Id-direttur għandu jgħaddi l-programm ta' ħidma lill-Bord Amministrattiv għall-approvazzjoni.

L-Artikolu 13

1. Mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu ta' kull sena, id-direttur għandu jipprepara rapport ġenerali dwar l-attivitajiet, is-sitwazzjoni finanzjarja u l-linji gwida għall-Fondazzjoni u jissottomettih lill-Bord Amministrattiv.

2. Wara li dana jiġi adottat mill-Bord Amministrattiv, id-direttur għandu jibgħat ir-rapport ġenerali lill-Istituzzjonijiet tal-Komunità u lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali.

L-Artikolu 14

Il-Bord Amministrattiv għandu jagħti rendikont bilanċjat tad-dħul u l-infiq kollu għal kull sena finanzjarja, li tkun l-istess bħas-sena kalendarja.

L-Artikolu 15

1. Il-Bord Amministrattiv, sa mhux aktar tard sal-31 ta' Marzu ta' kull sena, għandu jibgħat lill-Kummissjoni stima ta' dħul u nfiq. Din l-istima, li għandha tkun tinkludi pjan ta' stabbiliment, għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Kunsill bl-abbozz preliminari ta' estimi tal-Komunitajiet Ewropej.

2. L-estimi tal-Komunitajiet Ewropej kull sena, taħt titolu speċifiku, għandhom jinkludi sussidju għall-Fondazzjoni.

Il-proċedura viġenti għat-trasferiment ta' approprjazzjonijiet minn kapitolu għall-ieħor għandha tapplika għall-approprjazzjoni ta' dan is-sussidju.

L-Awtorita ta' l-Estimi għandha tfassal pjan tat-twaqqif tal-Fondazzjoni.

3. Il-Bord Amministrattiv għandu jadotta l-istima tad-dħul u l-infiq qabel il-bidu tas-sena finanzjarja, filwaqt li jirranġaha għas-sussidju li jingħata mill-Awtorità ta' l-Estimi. L-istima li tkun ġiet adottata b'dan il-mod għandha tintbagħat mill-Kummissjoni lill-Awtorità ta' l-Estimi.

L-Artikolu 16

1. Id-dispożizzjonijiet finanzjarji li japplikaw għall-Fondazzjoni għandhom ikunu adottati taħt l-Artikolu 209 tat-Trattat.

2. Il-Bord Amministrattiv, mhux aktar tard mill-31 ta' Marzu, jibgħat il-kontijiet tad-dħul u l-infiq kollu tal-Fondazzjoni għassena finanzjarja preċedenti lill-Kummissjoni u l-Bord ta' Awdituri. Dan il-Bord għandu jeżaminahom skond it-tieni paragrafu ta' l-Artikolu 206 tat-Trattat.

3. Il-Kummissjoni għandha tibgħat il-kontijiet u r-rapport tal-Bord ta' Awdituri, flimkien mal-kummenti tagħha stess, lill-Kunsill u l-Parlament Ewropew mhux aktar tard mill-31 ta' Ottubru. Il-Kunsill u l-Parlament Ewropew għandhom jeħilsu lill-Bord Amministrattiv tal-Fondazzjoni taħt il-proċedura mfassla fir-raba' paragrafu ta' l-Artikolu 206 tat-Trattat.

4. Il-kontrollatur finanzjarju tal-Kummissjoni għandu jkunu responsabbli biex jiċċekkja l-impenn u l-ħlas ta' l-ispiża u ż-żamma ta' rekordjar u d-dħul ta' kull introjtu tal-Fondazzjoni.

L-Artikolu 17

Il-Kunsill għandu jadotta d-dispożizzjonijiet li jirregolaw il-persunal tal-Fondazzjoni, filwaqt li jaġixxi fuq proposta mill-Kummissjoni.

L-Artikolu 18

Il-Membri tal-Bord Amministrattiv, id-direttur, id-deputat direttur, il-persunal u l-persuni l-oħra li jipparteċipaw fl-attivitajiet tal-Fondazzjoni għandu jkun jenħtieġ minnhom, anke wara li d-dmirijiet tagħhom ikunu waqfu, li ma jikxfux informazzjoni ta' kwalunkwe tip koperta bl-obbligazzjoni tas-sigriet professjonali.

L-Artikolu 19

Ir-regoli li jiggvernaw il-lingwi tal-Komunitajiet Ewropej għandhom japplikaw għall-Fondazzjoni.

L-Artikolu 20

Il-Protokoll tal-privileġġi u l-immunitajiet tal-Komunitajiet Ewropej għandhom japplikaw għall-Fondazzjoni.

L-Artikolu 21

1. Ir-responsabbiltà kontrattwali tal-Fondazzjoni għandha tkun regolata taħt il-liġi li tkun tapplika għall-kuntratt inkwestjoni.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha l-ġurisdizzjoni li tiddeċiedi fuq xi klawsola ta' arbitraġġ li tkun tinsab f'kuntratt konkluż mill-Fondazzjoni.

2. Fil-każ ta' responsabbiltà non-kontrattwali, il-Fondazzjoni, skond il-prinċipji komuni tal-liġijiet ta' l-Istati Membri, għandha tagħmel tajjeb għal kull dannu kkawżat mill-Fondazzjoni u mill-impjegati tagħha fil-qadi ta' dmirijiethom.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Komunitajiet Ewropej għandu jkollha ġurisdizzjoni f'kawżi li jkunu relatati mal-kumpens ta' kull dannu ta' din ix-xorta.

3. Ir-responsabbiltà personali ta' l-impjegati lejn il-Fondazzjoni għandha tkun regolata mill-provvedimenti relevanti li japplikaw għall-persunal tal-Fondazzjoni.

L-Artikolu 22

L-Istati Membri, il-membri tal-Bord Amministrattiv u l-partijiet terżi direttament u personalment involuti jistgħu jirreferu lill-Kummissjoni kull att tal-Fondazzjoni, kemm jekk espress jew impliċitu, biex il-Kummissjoni teżamina l-legalità ta' dak l-att.

Din ir-referenza issir lill-Kummissjoni fi żmien 15-il jum mill-jum li fih il-parti konċernata saret taf għall-ewwel darba bl-att inkwestjoni.

Il-Kummissjoni għandha tieħu deċiżjoni fi żmien xahar. Jekk l-ebda deċiżjoni ma tittieħed f'dan il-perjodu, il-każ għandu jkun meqjus bħala mitluq.

L-Artikolu 23

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fit-tielet jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fil-Lussemburgu, fis-26 ta' Mejju 1975.

Għall-Kunsill

Il-President

M.A. CLINTON